MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 126/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

**vs**

**Giuseppi Chircop**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Giuseppi Chircop ta’ 67 sena bin Emmanuele u Carmela nee’ Borg, mwieled Gzira fid-9 ta’ Mejju 1938, residenti 9, ix-Xatt ta’ San Gorg, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita’ numru 365538 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fis-27 ta’ Novembru 2002 fil-bini tal-Qorti tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, ikkommetta spergur fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Magistrat Dr. M. Mallia LL.D fl-ismijiet Maltacom p.l.c. vs Charles Chircop et (avviz numru 1581 / 98 MM) liema kawza giet ceduta fis-7 ta’ Frar 2005.

2. Halef fil-falz f’ materja civili u dan bi ksur tal-Artikolu 106 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Ha gurament falz quddiem ufficjal li ghandu s-setgha b’ Ligi li jaghti gurament u dan bi ksur tal-Artikolu 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Inqeda b’ qerq u/jew wera haga b’ ohra biex igieghel titwemmen ezistenza ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, u/jew jaghmel qlieh bi hsara ta’ haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Bi hsara ta’ haddiehor ghamel xi qligh b’ qerq u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ Frar 2006 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta 16 ta’ Frar 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma dawn li gejjin. L-imputat li kien kjamat in kawza fil-kawza fl-ismijiet

‘Maltacom plc vs Charles Chircop et’ Avviz Numru 1581/98MM) liema kawza giet ceduta mis-socjeta’ attrici f’dik il-kawza, u cioe’ Maltacom plc, permezz ta’ nota datata 7 ta’ Frar 2005. L-imsemmija kawza civili kienet giet intavolata mis-socjeta’ Maltacom plc kontra Charles Chircop, li rrizulta li huwa hu l-imputat fil-kawza odjerna, fejn din talbet li l-imsemmi Charles Chircop jigi kkundannat ihallasha ammont dovut lilha in konnesjoni ma servizz telefoniku. F’dawk il-proceduri kienet giet esebita l-applikazzjoni maghmula mill-utent tas-servizz telefoniku in kwistjoni liema applikazzjoni kienet iffirmata minn C. Chircop. Il-konvenut fl-imsemmija kawza civili ecceppixxa li l-ammont in kwistjoni ma kienx dovut minnu u talab il-kjamata in kawza ta’ huh Giuseppi Chircop, u cioe’ l-imputat odjern stante li kien qed isostni li l-ammont mitlub mill-Maltacom plc effettivament kien dovut minn dan tal-ahhar u mhux minnu. L-imputat f’dik il-kawza ukoll kien eccepixxa li ma kien dovut ebda ammont minnu lis-socjeta’ Maltacom plc. Fl-imsemmija kawza l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Michael Mallia kienet laqghet it-talba maghmula mill-konvenut Charles Chircop u hatret espert kaligrafu sabiex jidettermina jekk il-firma fuq l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku effettivament kinitx ta’ Charles Chircop jew altrimenti saritx mill-kjamat in kawza Giuseppi Chircop jew minn terz. L-espert kaligrafu nominat mill-Qorti Joseph Gaffiero kien prezenta r-relazzjoni tieghu fejn ikkonkluda li l-firma in kwistjoni ma kinitx ta’ Charles Chircop u fejn qal li kien tal-opinjoni u dan wara li pparaguna dik il-firma ma firem antiki maghmula minn Joseph Chircop, li din il-firma giet maghmula minn dan tal-ahhar. Mill-process relattiv ghal kawza civili, liema process gie esebit f’dawn l-atti u jinsab inserit a fol. 15 ta’ dawn l-atti, jirrizulta li s-socjeta’ attrici cediet il-kawza fis-7 ta’ Frar 2005 stante pagament tal-ammont dovut lilha. Minn dawk l-atti ma jirrizultax min effetwa l-pagament relattiv.

L-imputat fil-kawza odjerna kien xehed fil-kawza civili hawn fuq imsemmija fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn kien cahad li kien hu li ghamel il-firma fuq l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku mal-Maltacom plc. Fil-proceduri odjerni l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-

imputat halef il-falz meta xehed quddiem il-Magistrat Michael Mallia fejn qal li l-firma ma kienitx tieghu u dan peress li sussegwentement irrizulta mir-rapport tal-espert kaligrafu Joseph Gaffiero li l-firma fuq l-imsemmija applikazzjoni kienet giet maghmula minnu. Irid jigi rilevat li l-proceduri odjerni inbdew ex ufficio mill-Prosekuzzjoni wara li kienet irceviet rapport minghand Charles Chircop dwar dak li kien gara fil-proceduri civili li saret referenza ghalihom aktar ‘il fuq.

Kif diga’ intqal aktar ‘il fuq fil-proceduri odjerni gie esebit l-inkartament kollu riferibbli ghall-kawza civili, inkluza ovvjament it-traskrizzjoni tax-xhieda li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna, kif ukoll ir-rapport tal-espert kaligrafu Joseph Gaffiero. Dan tal-ahhar xehed ukoll fil-proceduri odjerni (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 19 sa 20 tal-process) fejn ikkonferma l-kontenut tar-rapport minnu prezentat fil-kawza civili.

Fil-proceduri odjerni l-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-imputat li halef falz fi proceduri civili. Il-Prosekuzzjoni trid ghalhekk tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat halef falz fil-proceduri civili.  Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputat xehed fil-proceduri civili fejn qal li l-firma fuq l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku ma kienitx maghmula minnu izda ma rnexxilhiex tipprova li tali testimonjanza kienet falza. Ir-rapport tal-espert tekniku nominat fil-proceduri civili fejn huwa esprima opinjoni wara li ghamel ezamijiet komparattivi bejn il-firem tal-imputat li kienu jidhru fuq dokumenti esebiti minn huh Charles Chircop u l-firma li kienet tinsab fuq l-applikazzjoni, ma jistghax jitqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat halef falz u dan ghal diversi ragunijiet lli huma s-segwenti:-

1. L-espert kaligrafu  kien qed jesprimi opinjoni f’kawza civili.

2. L-espert kaligrafu ma ssomministra ebda gurament sabiex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

3. L-espert kaligrafu ma giex nominat bhala espert fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti jidrilha li ebda wahda mill-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat ma giet pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------